

31999D0498

24.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 192/60

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-7 ta' Lulju 1999**

**dwar regolament komuni tekniku għal tagħmir ta' telekomunikazzjonijiet diġitali imsaħħa mingħajr fil
(DECT) li jaċċessa network diġitali ta' servizzi integrati (ISDN) (verżjoni 2)**

(notifikat taħt dokument numru K(1999) 2027)

(Test b'relevanza għall-Ftehim ŻEE)

(1999/498/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li għandha x'taqsam mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita, inkluż ir-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 7(2), it-tieni inċiż, tagħha,

- (1) Billi l-Kummissjoni addottat il-miżuri li jidentifikaw it-tip ta' tagħmir terminali li għalih regolament tekniku komuni huwa meħtieġ, kif ukoll dikjarazzjoni tal-iskop assoċjat skond Artikolu 7(2), l-ewwel inċiż;
- (2) Billi l-istandards armonizzati li jikkorrispondu, jew partijiet minnhom, li jimplementaw il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jiġu mibdula f'regolamenti tekniċi komuni għandhom jiġu adottati;
- (3) Billi biex tiġi żgurata kontinwità fl-aċċess għas-swieq għall-fabbrikanti, huwa meħtieġ li jiġu permessi arranġamenti transitorji dwar tagħmir approvat skond ir-regolamenti ta' l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali;
- (4) Billi l-proposta kienet intbagħtet lill-Kumitat (ACTE), skond Artikolu 29(2);
- (5) Billi r-regolament tekniku komuni li għandu jiġi adottat minn din id-Deċiżjoni huwa skond l-opinjoni ta' l-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-apparat terminali maħsub għall-komunikazzjoni ma' network ta' telekomunikazzjoni pubblika u li jaqa' fi ħdan il-għan ta' l-istandard armonizzat identifikat f'Artikolu 2(1).

⁽¹⁾ ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri il-ħtiġiet ta' konnessjoni għal tagħmir DECT li jaċċessa ma' l-ISDN.

Artikolu 2

1. Ir-regolament tekniku komuni għandu jinkludi l-istandard armonizzat imħejji mill-korp ta' l-istandardisation relevanti li jimplementa sal-limitu applikabbli il-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 5(ċ) sa (g) tad-Direttiva 98/13/KE. Ir-referenzi għal l-istandard huma stipulati f'Anness I, bl-eċċezzjoni tal-ħtiġiet elenkati f'Anness II.

2. Tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma jew mar-regolament komuni tekniku imsemmi fil-paragrafu 1 jew alternattivament għandu jikkonforma mar-regolamenti komuni tekniċi kif definiti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 98/515/KE ⁽²⁾ u 97/523/KE ⁽³⁾ jew 1999/310/KE ⁽⁴⁾. Barra minn dan, għandu jilħaq il-ħtiġiet essenzjali imsemmija f'Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KE, u għandu jilħaq il-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, b'mod partikolari id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE ⁽⁵⁾ u 89/336/KEE ⁽⁶⁾.

Artikolu 3

Il-korpi notifikati maħtura biex iwettqu l-proċeduri li għalihom jirreferi Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KE għandhom, fir-rigward ta' tagħmir terminali kopert b'Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw li jiġi wżat l-istandard armonizzat imsemmi f'Anness I bid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jew alternattivament l-istandards armonizzati msemmeja fl-Annessi li jinsabu mad-Deċiżjonijiet 98/515/KE, 97/523/KE jew 1999/310/KE.

⁽²⁾ ĠU L 232, tad-19.8.1998, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 215, tas-7.8.1997, p. 48.

⁽⁴⁾ ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 57.

⁽⁵⁾ ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.

⁽⁶⁾ ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Referenza għal l-istandard armonizzat applikabbli

L-istandard armonizzat li għalih jirreferi Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni huwa:

Telekomunikazzjonijiet diġitali imsaħħa mingħajr bla fil (DECT); *network* diġitali ta' servizzi ntegrati (ISDN); ħtiġiet ta' konnessjoni għal tagħmir terminali għall-DECT/ISDN għall-profil ta' applikazzjonijiet li jitħaddmu flimkien

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-iStandards ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat

EN 301 440 V1.2.2 - Jannar 1999

(eskluzo d-daħla)

Tagħrif addizzjonali

L-Istitut Ewropew ta' l-iStandards tat-Telekomunikazzjonijiet huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/34/KE.

L-istandard armonizzat imsemmi hawn fuq kien ġie armonizzat skond il-mandat maħruġ skond il-proċeduri rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 98/34/KE.

It-test sħiħ ta' l-istandard armonizzat imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb mill-:

Istitut ta' l-iStandards tat-Telekomunikazzjonijiet Ewropej,
650, Route des Lucioles,
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

jew

Kummissjoni Ewropea,
DG XIII/A.2 - (BU 31, 1/7),
Rue de la Loi/Wetstraat 200,
B-1049 Brussel

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli li tagħmel l-istandards ETSI disponibbli, li lista tagħhom tista tins-tab fuq l-Internet taħt l-indirizz www.ispo.ccc.be.
